

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-545/08)

(2009/C 82/18)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Nijenhuis u K. Mojzesowicz)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- tiddikjara li, billi rregolat it-tariffi bl-impliment għal servizzi broadband mingħajr ma wettqet analiżi tas-suq, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2002/22/KE <sup>(1)</sup>, ikkunsidrati flimkien mal-Artikoli 16 u 27 tad-Direttiva 2002/21/KE <sup>(2)</sup>;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Billi rregolat it-tariffi bl-impliment għal servizzi broadband mingħajr ma wettqet analiżi tas-suq, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2002/22/KE, ikkunsidrati flimkien mal-Artikoli 16 u 27 tad-Direttiva 2002/21/KE.

Fl-ewwel lok, l-obbligi li l-President tal-Urząd Komunikacji Elektronicznej impona fuq Telekomunikacja Polska, sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti fil-Polonja, jiġifieri r-rewiżit li l-kumpanija tippreżenta t-tariffi bl-impliment għal servizzi broadband lill-awtorità regolatorja nazzjonali sabiex jiġu approvati, u r-rewiżit li t-tariffi jkunu stabbiliti abbażi tan-nefqa tal-provvista tas-servizz, huma obbligi ġodda u mhux proroga ta' obbligi eżistenti.

Fit-tieni lok, l-obbligi imposti fuq Telekomunikacja Polska mill-President tal-Urząd Komunikacji Elektronicznej fir-rigward tat-tariffi bl-impliment għal servizzi broadband ma jistgħux jitqiesu bħala miżuri tranżitorji fis-sens tal-Artikolu 27 tad-Direttiva Qafas peress li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/10/KE, li għaliha jirreferi l-Artikolu 27, ikopri biss it-tariffi għall-użu tan-network tat-telefon pubbliku fiss u s-servizzi tat-telefon pubbliku fiss.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, p. 51).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU L 108, p. 33).

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Frar 2009 minn Deepak Rajani (Dear!Net Online) kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Novembru 2008 fil-Kawża T-100/06 — Deepak Rajani (Dear!Net Online) vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)**

(Kawża C-559/08 P)

(2009/C 82/19)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

*Appellant:* Deepak Rajani (Dear!Net Online) (rappreżentant: A. Kockläuner, Rechtsanwalt)

*Appellat:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellant**

- twarrab interament id-Deċiżjoni tal-qpi tas-26 ta' Novembru 2008, Kawża T-100/06.
- tordna lill-UASI jħallas l-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-appellant jissottometti li s-sentenza appellata għandha tkun annullata minħabba r-raġunijiet segwenti:

- meta ħadhet l-ewwel motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin it-Taqsima 2 u 3 tal-Artikolu 43 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja (RTMK) flimkien mat-Taqsima 1 tal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Madrid;
- meta ħadhet l-ewwel motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (Verżjoni Konsolidata) kif ukoll l-Artikolu 6 flimkien mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB);
- meta ħadhet l-ewwel motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/104 (KE) <sup>(1)</sup> flimkien mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/104 (KE);
- meta ħadhet it-tieni motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 79 tar-RTMK billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut aġixxa b' mala fede;
- meta ħadhet it-tieni motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat b'mod żbaljat li t-trade marks inkwistjoni kienu simili b'mod li jistgħu joħlqu konfużjoni u għalhekk, kisret it-Taqsima 1(b) tal-Artikolu 8 tar-RTMK;
- meta ħadhet it-tieni motiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret it-Taqsima 4 tal-Artikolu 135 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-evidenza korroborattriċi bħala annessi għall-azzjoni ġuridika quddiemha;